## 9 ta' Diċembru, 1949.
## Imħallef:
## L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
### Il-Pulizija *versus* John Mary Vassallo
### Armi — Revolver — Art. 3 (1) ta' l-Ordinanza ta' l-Armi (Kap. 106).

*Min jinsab fil-pussess ta' arma li ma hix servibili u ma hix aktar tajba għall-funzjoni tagħha naturali ma jistax jingħad li nstab fil-pussess ta' arma, iżda ta' oġġett li kien arma, imma ma għadux. U għalhekk, jekk ma kellux liċenza biex iżomm dik l-arma, ma hux ħati ta' ksur tal-liġi.*

Fuq l-imputazzjoni talli f'San Ġiljan, f'dawn l-aħħar tliet xhur, l-akkużat żamm revolver mingħajr liċenza tal-Pulizija, b'sentenza tat-13 ta' Ottubru 1949, tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, l-akkużat ġie kundannat għal £5 multa u l-konfiska;

L-imputat appella;

Il-Qorti.............., ikkunsidrat;

Li r-reat kontemplat fl-art. 3 (1) ta' l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 106) jirrikjedi essenzjalment bħala element l-arma tan-nar; u l-artikolu 19 ta' l-istess Ordinanza jikkontempla l-arma proprja fis-sens kontemplat fil-Kodiċi Kriminali (art. 64 Kap. 12), kif igħid l-art. 2 ta' dik l-istess Ordinanza;

Li fil-każ ta' l-imputat, ir-revolver li ġie misjub għandu, u li ġie elevat, kien, kif għadu s'issa, żmuntat, żgangarjat, u bil-grillu nieqes għal kollox; b'mod li kif inhu ma jistax jissejjaħ arma tan-nar, iżda biċċa imbarazz. Kif osserva Luigi Ondine fil-monografija tiegħu "Il Porto d'Armi nel Codice Penale Italiano", fis-"Supplemento della Rivista Penale" tal-Vol. IV, anno 1895-1896, p. 316, "Quando l'arma è snodata e difficilmente può ricomporsi, o quando è guasta e si porta all'armaiuolo, essa non è più adatta alla funzione sua naturale, e non potrebbe dirsi un'arma, ma un oggetto qualunque". Fil-każ ta' l-imputat lanqas kien hemm il-biċċiet neċessarji, i.e., il-grillu, biex ir-revolver jista' jiġi immuntat u msewwi, barra illi kien, kif għadu, żgangarjat ħafna u inservibili. Immela l-imputat ma nstabx fil-pussess ta'

arma tan-nar — revolver — iżda ta' oġġett li darba **kien**. iżda ma għadux, arma ;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-**imputat**, tirrevoka s-sentenza appellata, u tilliberà lill-**imputat**.